# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 09 ta’ Lulju, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**
**(Spettur Alfredo Mangion)**
**Vs**

**Emanuel Bianchi**

**Kumpilazzjoni Nru: 331/2018**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Emanuel Bianchi, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 287983M.

Akkuzat talli nhar it-22 ta’ Mejju, 2018 bejn it-tmienja ta’ filghodu u l-hamsa ta’ wara nofsinhar (08:00hrs – 17:00hrs) fl-inhawi ta’ Horns Ditch fil-Floriana u f’dawn il-Gzejjer;

1. Ikkommetta serq ta’ amplifier u subwoofer minn gewwa l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni YIZ-333 ta’ l-ghamla Peugeot, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa, kif ukoll bil-

valur li jiskorri il-mitejn, tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma' jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disa' u ghoxrin Euro u seba' u tletin centezmu (€2, 329.37) ghad-detriment ta' Stefanie Scicluna u dan bi ksur ta' l-artikoli 261, 263, 267 u 271 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

2. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' vettura bin-numru tar-registrazzjoni IIZ-333 tal-ghamla Peugeot ghad-dannu ta' Stefanie Scicluna u terzi ohra, liema hsara ma' tiskorrix l-mitejn u hamsin Euro (€250) u dan bi ksur tal-artikolu 325 (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. U aktar talli irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula.

Rat li l-imputat ammetta l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali ta'l-imputat, u min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta'l-imputat u l-fatt li r-res furtiva giet rkuprata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 498, 50, 219(b)(c)(g), 263, 267, 271(g), 289 u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah sentejn prigunerija. Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-

Fcailita Korrettiva ta’ Kordin biex l-imputat jinghata l-ghajnuna necessarja kontra l-vizzju tad-droga.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**